MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 447/2001/1

L-Avukat Dottor Patrick J. Galea bhala Mandatarju Specjali tas-socjetajiet esteri Disney Enterprises Inc, Metro-Goldwyn-Mayer Pictures Inc., Paramount Pictures Corporation, Sony Pictures Entertainment, Tristar Pictures Inc, Twentieth Century Fox Film Corporation, Universal City Studios Inc, Universal City Studios Productions Inc, Warner Bros, a Division of Time Warner Ent.
vs
Alexander Camilleri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha ppremetta:

1. Illi l-konvenut kien ittanta li jimporta kwantita` ta' Digital Versatile Discs (DVDs) li kienu jikkonsistu f'registrazzjoni ta' xogholijiet awdjovizivi;

2. Illi s-socjetajiet attrici kienu l-proprjetarji u jew il-licencees u jew il-copyright holder ta' diversi xogholijiet in kwistjoni;

3. Illi l-konvenut kien ivvjola d-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' l-awtur meta inter alia minghajr il-licenza tal-copyright owner jew right holder kien ikkommetta att illi kien ikkontrollat mid-drittijiet ta' l-awtur, importa f'Malta u kien ittanta jiddistribwixxi tali oggetti ghal skopijiet ta' kummerc, u kien ivvjola d-drittijiet ta' awtur u ta' proprjeta` intelletwali ta' l-atturi;

4. Illi dawn id-DVDs in kwistjoni kienu llum identifikabbli ghaliex kienu jinsabu mizmumin mid-Dwana fuq istanza ta' l-attur nomine a tenur tal-Att tal-2000 dwar Drittijiet dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini);

5. Illi d-drittijiet ta' l-Awtur, id-drittijiet fuq proprjeta` intellettwali kienu jinsabu kollha appartenenti lil disa' socjetajiet u cioe` Disney Enterprises Inc, Metro-Goldwyn-Mayer Pictures Inc, Sony Pictures Inc, Paramount Pictures Corp., Tristar Pictures Inc., Twentieth Century Fox Film Corporation, Universal City Studios Inc, Universal City Studios Productions Inc., Warner Bros., a Division of Warner Ent illi ghalhekk dawn is-socjetajiet kienu l-proprjetarji finali u beneficjarji ta' dawn id-drittijiet;

6. Illi x-xogholijiet indikati kienu protetti skond il-Ligi mill-ksur u vjolazzjoni tad-dritt ta' l-awtur (copyright) u kontra ksur u vjolazzjoni ta' drittijiet ta' proprejta` intellettwali;

7. Illi dawn id-DVDs kienu gew importati f'konsenja wahda minn Singapore, u l-azzjonijiet kienu konnessi u kellhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba l-mertu taghhom, decizjoni li kienet tinghata tolqot lill-ohrajn u l-provi li jingiebu kienu generalment l-istess u ghalhekk l-atturi kienu qed imexxu permezz ta' citazzjoni wahda;

<u>TALBIET MAGHMULA MINN DISNEY ENTERPRISES INC:</u>

1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Digital Versatile Discs (DVDs) in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta’ l-awtur, ta’ Proprjeta` Inteiletwali tas-socjetajiet indikati Didsney Enterprises Inc;

2. Tapplika s-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbiliti mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta’ l-Awtur;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet indikati fit-talba numru wiehed (1);

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi indikati fit-talba numru wiehed (1);

5. Tillikwida danni addizzjonali a tenur ta’ l-artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur;

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni addizzjonali hekk likwidati;

<u>TALBIET MAGHMULA MIS-SOCJETAJIET METRO-GOLDWYN-MAYER PICTURES INC</u>

7. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Digital Versatile Discs (DVDs) in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta’ l-awtur, ta’ Proprjeta` intelletwali tas-socjetajiet indikati METRO--GOLDWYN-MAYER PICTURES INC;

8. Tapplika s-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbiliti mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta’ l-Awtur;

9. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet indikati fit-talba numru sebgha (7);

10. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi indikati fit-talba numru sebgha (7);

11. Tillikwida danni addizzjonali a tenur ta’ l-artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur;

12. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni addizzjonali hekk likwidati;

TALBIET MAGHMULA MIS-SOCJETAJIET SONY PICTURES ENTERTAINMENT U TRISTAR PICTURES INC,

13. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Digital Versatile Discs (DVDs) in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta' l-awtur, ta' Proprjeta` Intelletwali tas-socjetajiet indikati Sony Pictures Entertainment u Tristar Pictures inc,

14. Tapplika s-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbiliti mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta' l-Awtur;

15. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet indikati fit-talba numru tlettax (13);

16. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi indikati fit-talba numru tlettax (13);

17. Tillikwida danni addizzjonali a tenur ta' l-artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur;

18. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni addizzjonali hekk likwidati;

TALBIET MAGHMULA MIS-SOCJETA` TWENTIETH CENTURY FOX FILM CORPORATION

19. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Digital Versatile Discs (DVDs) in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta' l-awtur, ta' Proprjeta` Intelletwali tas-socjeta` indikata Twentieth Century Fox Film Corporation;

20. Tapplika s-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbiliti mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta' l-Awtur;

21. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` indikata fit-talba numru dsatax (19);

22. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi indikati numru dsatax (19);

23. Tillikwida danni addizzjonali a tenur ta’ l-artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur;

24. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni addizzjonali hekk likwidati;

<u>TALBIET MAGHMULA MIS-SOCJETAJIET UNIVERSAL CITY STUDIOS. INC., U UNIVERSAL CITY STUDIOS PRODUCTIONS INC.</u>,

25. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Digital Versatile Discs (DVDs) in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta’ l-awtur, ta’ Proprjeta` Intelletwali tas-socjetajiet indikati Universal City Studios Inc. u Universal City Studios Productions Inc.,

26. Tapplika s-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbiliti mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta’ l-Awtur;

27. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet indikati fit-talba numru hamsa u ghoxrin (25);

28. Tikkundarma lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi indikati fit-talba numru hamsa u ghoxrin (25);

29. Tillikwida danni addizzjonali a tenur ta’ l-artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet ta’ l’Awtur;

30. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni addizzjonali hekk likwidati;

<u>TALBIET MAGHMULA MIS-SOCJETAJIET WARNER BROS, A DIVISION OF TIME WARNER ENT LP.</u>

31. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Digital Versatile Discs (DVDs) in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta’ l-awtur, ta’ Proprjeta` Intelletwali tas-socjetajiet indikati Warner Bros, A Division Of Time Warner Ent LP;

32. Tapplika s-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbiliti mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta' l-Awtur;

33. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet indikati fit-talba wiehed u tletin (31);

34. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi indikati fit-talba wiehed u tletin (31);

35. Tillikwida danni addizzjonali a tenur ta' l-artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur;

36. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni addizzjonali hekk likwidati;

<u>TALBIET MAGHMULA MIS-SOCJETAJIET PARAMOUNT PICTURES CORPORATION</u>

37. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Digital Versatile Discs (DVDs) in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta' l-awtur, ta' Proprjeta` Intelletwali tas-socjetajiet indikati Paramount Pictures Corporation;

38. Tapplika s-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbiliti mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta' l-Awtur;

39. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet indikati fit-talba wiehed u tletin (31);

40. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi indikati fit-talba sebgha u tletin (37);

41. Tillikwida danni addizzjonali a tenur ta' l-artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur;

42. Tikkundarma lill-konvenut ihallas id-danni addizzjonali hekk likwidati;

Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-Ligi, bil-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-atturi kienu jridu jgibu prova li huma kienu detenturi legali tad-drittijiet ta' l-awtur kif ukoll li huma kienu detenturi legali tal-proprjeta` intellettwali in kwistjoni;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost kien irid jigi sottomess li d-*Digital Versatile Disks* (DVDs) konsistenti f'registrazzjoni ta' xogholijiet awdjovizivi kienu gew importati ghall-uzu personali u domestiku tal-konvenut Alexander Camilleri u ta' certu Victor Fiorentino;

3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kellu qatt l-intenzjoni li jittanta jiddistibwixxi tali oggetti ghal skopijiet kummercjali;

4. Illi anqas kien minnu dak li kien qed jinghad fil-premessi tac-citazzjoni ***li dawn id-DVDs in kwistjoni kienu llum identifikabbli ghaliex kienu jinzammu mizmumin mid-Dwana fuq istanza ta' l-attur*** u dan kif kienet tindika l-istess Retained By Customs Form annessa man-nota ta' eccezzjonijiet u mmarkata Dok. AC1;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu ghat-tielet (3) talba attrici l-konvenut qatt ma kien agixxa dolozament, kien agixxa in buona fede kif kien jista' jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ma kienx responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ma kienux sofrew danni;

7. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Patrick Galea li fih issemma li hu kien gie nominat prokuratur biex jagixxi gudizzjarjament ghan-nom ta' Metro-Goldwyn-Mayer Pictures Inc, New Line Productions Inc, Twentieth Century Fox, Disney Enterprises Inc, Columbia Tristar Film Distributors International Inc, Columbia Pictures Industries Inc, Columbia Tristar Home Entertainment Inc, Tristar Pictures Inc u Time Warner Entertainment Company LP. Esebixxa kopji awtentici tal-prokuri u ***Copyright Certificates***.

Xehed Dr. Patrick Galea u qal li b'referenza ghad-dokumenti li jinsabu a fol 211 sa 344 tal-process, dawn kien ircevihom minghand il-mandanti tieghu.

Semghet bil-gurament lil Victor Gruppetta, ***Principal*** fid-Dipartiment tad-Dwana.

Xehed George Agius, Fizzjal id-Dwana fis-sezzjonji tal-***Counterfeit*** u qal li fuq istruzzjonijiet li kellhom shabu fl-istess sezzjoni tad-Dwana, huma telghu l-***airport*** u hemmhekk kienu sabu 274 ***DVD***'s. Kien nizel bihom bhala passiggier u kienu fil-bagalja tieghu u kien iddikjarahom dawn id-***DVD***s. Kellhom suspett li dawn id-***DVD***s setghu ma kienux originali u komplew jaghmlu l-indagini taghhom. Qal li l-procedura hi li meta jkollhom suspett jikkuntattjaw lir-rapprezentanti legali tad-ditti li jkunu qeghdin fuq id-***DVD***s. Huma talbu lil Dr. Patrick

Galea biex jindaga dwar dan l-aspett. Kien jaf li gew rapprezentanti tal-***Association Against Copyright, Motion Pictures Association*** u kienu ezaminaw id-***DVD***s u rrizulta li dawn kienu kkupjati. Zied jghid li dawn id-***DVD***s kienu qeghdin fil-pussess tad-Dwana.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru, 2004 li bih gie nominat is-Sur Martin Bajada bhala espert fit-teknologija.

Rat ir-rapport tas-Sur Martin Bajada li minnu jirrizulta li hu ezamina s-segwenti elementi: ***CD Title, CD Publisher, Media, Packing, Case, Inlay, SID Codes, Region, Run time, Rated, Note, S, Status, Bar Code.*** Dahal ukoll fit-terminologija uzata, u cioe`: ***Compliant, Non Compliant, CDR*** jew ***burnt, CD*** jew ***Pressed, DVDR*** jew ***burnt, DVD*** jew ***pressed***. Semma d-dokumenti esebiti u kkonkluda illi:
"6.1 Illi l-272 *Digital Versatile Diskettes* analizzati jirrizultaw li huma kollha *non-compliant*, fejn *non-compliant* tfisser li l-prodott mhux konformi fil-kwalita`, fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar mal-prodott licenzjat mill-awtur rispettiv.

6.2 Illi fuq 130 mill-272 *Digital Verastile Diskettes*, m'hemmx kwerela specifika minghand l-awtur rispettiv kif hemm ghall-kumplament tad-*Digital Versatile Diskettes*. Lista komplessiva ta' dawn il-130 DVDs tinsab annessa ma' dan ir-rapport bhala Dok MB4."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi l-konvenut ma ghamel ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni Dr. Galea gab il-prova li hu d-detentur legali tad-drittijiet ta' l-awtur tad-***DVD***s imsemmija. Esebixxa d-dokumenti relevanti biex jipprova li hu kien gie nominat prokuratur biex jagixxi gudizzjarjament ghan-nom tad-ditti msemmija. Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

Sekondarjament gie eccepit li d-***DVD***s kienu importati ghall-uzu personali u domestiku. L-ewwel nett dan ma giex iuppruvat. Inoltre anke jekk stess impurtat ghall-uzu domestiku dan majaghtix id-dritt li timporta dawn id-***DVD***s li r-registrazzjoni taghhom ma hix awtorizzata u xorta hemm il-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur. Narturalment id-danni setghu jkunu differenti jekk l-importaturi ddistribwew ix-xogholijiet lill-pubbliku. Ghalhekk tichad ukoll din it-tieni eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni u cioe` li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jittanta jiddistribwixxi tali oggetti ghal skopijiet kummercjali kif imsemmi fil-paragrafu precedenti xorta wahda hemm il-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur. Taffettwa fid-danni jekk dawn jigu distribwiti. Hawn mhux il-kamp kriminali fejn l-intenzjoni ghandha piz daqshekk qawwi.

Dwar ir-raba' eccezzjoni hawn id-depozizzjoni tal-Fizzjal tad-Dwana George Agius li dahal fid-dettalji u ghal motivi hemm imsemmija tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Dwar il-hames eccezzjoni ma sarux provi mill-konvenut. Li wiehed isemmi li ma mexiex dolozament irid igib il-prova ta' dwar kif akkwista d-***DVD***s u l-prezz taghhom. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jaghmel il-provi necessarji. Tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Dwar it-talbiet attrici jinghad li s-sitt talbiet tas-seba' sezzjonijiet huma simili u ghalhekk dak li jinghad ghal wahda japplika ghall-ohrajn. F'kull kaz hemm il-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur minhabba li d-***DVD***s gew ikkupjati minghajr il-kunsens tal-proprjetarji jew licensee u jew il-***copyright holder*** tax-xoghol in kwistjoni. Li ssir il-kopja minghajr awtorizzazzjoni tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' proprjeta` intellettwali tas-socjetajiet indikati. Id-***DVD***s huma kollha ***non-compliant***. Il-prodott mhux konformi fil-kwalita`, fl-apparenza, kontenut u fl-ippakkjar mal-prodott licenzjat mill-awtur rispettiv. Ghalhekk it-talbiet 1, 7, 13, 19, 25, 31 u 37 ghandhom jigu milqugha.

It-talbiet 2, 8, 14, 20, 26, 32 u 38 jirrigwardaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet ghal vjolazzjoni kif stabbilit

mill-Att tal-2000 dwar id-drittijiet ta' l-awtur. Izda minhabba c-cirkostanzi spjecjali ta' dan il-kaz dan mhux ser jigu applikati l-provvedimenti a tenur tal-artikolu 43. L-artikolu jipprovi ghall-hlas ta' danni u penali dwar ksur tad-drittijiet ta' l-awtur. F'dan il-kaz wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tac-cirkostanzi tal-kaz ma jidhrilhiex li hu xieraq li timponi hlas ta' danni.

Bl-istess mod il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha timponi d-danni addizzjonali msemmnija fl-artikolu 43(2).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk ghall-motivi fuq imsmemija l-eccezzjonijiet tal-konvenut gew michuda.

Dwar it-talbiet tal-attur nomine tiddikjara li d-***DVD***s in kwistjoni jivvjolaw id-drittijiet ta' l-awtur. Izda mhux qedgha fic-cirkostanzi tistabbilixxi d-danni.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------